**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 490/2021**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Joseph Buttigieg**

**Illum 23 ta' Gunju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Joseph Buttigieg** detenur tal-karta tal-identita' Maltija 32964G akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli;

Nhar 1-1 ta' Ġunju 2021, ghall-ħabta ta' bejn 13.45hrs u 14.00hrs, fil-port tal-Imġarr, Ghawdex, limiti ta' Ghajnsielem, Għawdex u/jew fil-vicinazi, permezz ta' bastiment bl-isem 'Bella 1' bin-numru ta' registrazzjoni S 21103

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq ħwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' bastiment bl-isem Vitamin Sea Gozo', liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500) iżda huwa aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250), u dan ghad-dannu ta' Mark Borg u/jew persuni/entitajiet ohrajn.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, bħala sid jew kaptan ta' bastiment kummercjali, ikkaġuna jew ippermetta l-imsemmi bastiment jitħaddem b'mod ta' periklu għall-hajja tan-nies jew tal-propjeta' tal-ohrajn jew li jista' jagħmel ħsara lill-ambjent tal-bahar,

3. U aktar talli fl-istess data, lok, bin u ċirkostazi, haddem l-imsemmi bastiment b'veloċita' għolja jew meta kien fi stat ta' sokor, jew bi thaddim mhux kif imiss, jew b'agir deliberat u mhux xieraq biex jagħmel il-ħsara lill-propjeta' ta' xi persuna obra, u dan bi ksur tar-regolament 43(2) tal-L.S. 499.23 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala kaptan tal-imsemmi bastiment, anke jekk seta' b'mod konvenjenti, naqas li jhalli bastiment ieħor jghaddi u naqas li jevita li jfixkel l-operatur ta' xi bastiment iehor,.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cırkostanzi, u fil-granet ta' wara bhala s-sid jew il-kaptan ta' bastiment involut f'incident jew ikun hemm min weġġa' jew tilef hajtu abbord il-bastiment jew x'imkien iehor, jew f'kolliżjoni ma' bastiment iehor jew ma' propjeta' ohra bi ħsara jew telf ghall-bastiment l-iehor, jew bi hsara ghall-ambjent tal-bahar jew lill-propjeta' ohra naqas mill-ewwel jagħti rapport verbali ta' dan l-inċident lill-Awtorita', u naqas fi żmien erbgħa u għoxrin siegha mill-inċident jaghti rapport bil-miktub lill-Awtorita' bid-dettalji kollha li huwa jista' jitlob,.

6. U aktar talli fl-istess data, lok u hin u ċirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Franklin Delia.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiża, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tiegħu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus,u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq. Tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni kontra Joseph Buttigieg fil-konfront ta' Adrian Borg, ai termini tal- artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tordna li s-sid tal-bastiment, 1- akkużat Joseph Buttigieg ihallas dik is-somma li l-Qorti jkun jidhrilha li tkun ta' kumpens raġonevoli ghal dik il-hsara u dan ai termini tar- regolament 43(3) tal-L.S. 499.23 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tordna lill-akkużat ihallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, a termini tal-Artikolu 533(1) tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Frar,2025, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni stante li hija preskritta; ma sabitx lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni, filwaqt li sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu

ghal tmien xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta gew sospiżi għal żmien sena; u sabet lill-imputat hati tat-tieni, it-tielet u l- hames imputazzjonijiet u kkundannatu għall-hlas ta' multa komplessiva ta' hamest elef ewro (€5,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Buttigieg ippreżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Marzu 2025;

- TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi TIKKONFERMA dik il-parti tas-sentenza fejn astjeniet milli tiehu kunsiderazzjoni tas-sitt (6) imputazzjoni, fejn ma sabitux hati tar-raba' (4) imputazzjoni, u THASSARHA U TIRREVOKAHA fejn sabet lill-appellant hati tal- ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal tmien xhur prigunerija sospizi ghal sena u multa ta hamest elef ewro (€5,000) u konsegwentement tiddikjarah mhux hati taghhom u b'hekk TILLIBERAH minn kull imputazzjoni, htija u piena, sussidjarjament u minghajr pregudizzju TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**<u>L-aggravji huma cari u manifesti;</u>**

A. Illi, preliminarjament umilment jiġi sottomess lill-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u tal-Ligi applikabbli, stante lill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'il bogħod mill-grad rikjest mill-Liġi u ghalhekk ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant;

B. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija waħda eċċessiva;

**A. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti;**

**1) Principji Generali**

Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-ewwel Qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminhomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jingħad illi l-appellant ma għandux għalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tiegħu, filwaqt illi kif tiddetta l-Liġi, hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> "*Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa incumbit qui osservit.*" *onus probandi*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

> "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il-Prosekuzzjoni tiġi kkunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

Illi fuq dan l-aggravju, l-appellant jirrileva illi fl-umli fehma tieghu, illi **in kwantu tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant**, ma ngabu ebda provi konkreti fir-rigward ta' dawn l-akkuzi u ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova dawn l-akkuzi lil hinn min kull dubju ddettat mir-raguni.

**2) Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti**

a) **L-affidavit tal-iSpettur tal-Pulizija Josef Gauci, esebit a fol 15 et seq, ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 7 tal-Kap. 79, senjatament li ma ġiex indikat il-lok fejn ingħata l-gurament, u ghalhekk ghandu jigi sfilzat flimkien mad-dokumenti annessi mal-istess affidavit;**

Illi l-fatt li fl-affidavit tal-iSpettur tal-Pulizija Josef Gauci ezebit a fol 15 et seq, ma giex indikat il-lok ta' fejn inghata l-gurament. L-artikolu 360A tal-Kap. 9 jaghti l-possibilita'lill-Prosekuzzjoni li hija tipprezenta affidavits ta' ufficjali tal-Pulizija minflok ma' dawn joqoghdu jitilghu jixhdu di persona waqt proceduri sommarji quddiem din il-Qorti. Il-gurament lill-ufficjal tal-Pulizija normalment jinghata minn ufficjal tal-Pulizija li jkun ukoll Kummissarju b'setgha li jaghti guramenti nominat fit-termini tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta, I-Ordinanza dwar il-Kummissjonarji b'Setgħa li Jagħtu Gurament.

**L-artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta** jispeċifika li:

> "*Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi mehud ġurament jew magħmul affidavit bis-sahha ta' din l-Ordinanza ghandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie mehud jew l-affidavit ikun sar:*"

Minn qari ta' dan l-artikolu tal-liġi huwa ċar li l-liġi tassattivament tirrikjedi li jiġi speċifikat il-lok ta' fejn jkun ingħata l-ġurament. Infatti l-legislatur juża l-kelma "*għandu jiddikjara*" u jikkwalifikaha wkoll bilkelma "sewwa". Il-legislatur ma jużax il-

kelma "jista", f' liema każ kien ikun biss fakultattiv li jiġi indikat il-lok fejn ingħata l-ġurament. Fil-verżjoni Ingliża il-kliem li jintuża huwa: "shall state truly", li wkoll jindika obbligu tassattiv. **Dan ifisser li l-Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti huwa obbligat bil-liġi li jindika l-lok fejn huwa issoministra l-ġurament lix-xhud**.

Għalkemm fl-istess affidavit hemm spazju fejn għandu jitniżżel il-lok fejn ittiehed il-ġurament, il-lok għal xi raġuni jew oħra baqa' ma ġiex indikat. Hemm biss timbru li jindika l-isem tal-persuna li ta l-ġurament u d-data meta ittiehed il-ġurament mingħajr l-ebda indikazzjoni tal-lok.

Fi proċeduri penali fejn huwa fundamentali li l-proċedura tiġi segwita ad unguem biex ma jiġux preġudikati d-drittijiet tal-akkużat, ma jistax jkun li l-Qorti tagħlaq għajnejja għal tali nuqqas.

Illi bid-dovut rispett, fi proċeduri penali, il-Qorti ma tistax tassumi l-affarijiet hi; l-affarijiet jridu johorġu ċar mill-atti. Mill-atti, l-lok fejn ittiehed il-ġurament ma irriżultax. L-appellant jirrileva li dawn huma żbalji ovvji ma jridux xi sforz partikolari sabiex jiġu evitati, kif ukoll illi l-appellant jippretendi li Kummissarji tal-Ġustizzja jkunu konxji tal-obbligi tagħhom hekk kif johorgu mill-Kap. 79 u li jaraw li josservaw l-istess.

Illi la darba wieħed mill-elementi tassattivi li jrid ikun fih l-affidavit huwa nieqes, 1-appellant umilment jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tqis li l-affidavits ta' tal-Ispettur Josef Gauci sar validament skont kif tistabilixxi l-liġi fil-Kap. 79 u għalhekk m'ghandhiex tikkunsidrahom bhala prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri u ghandha tghaddi sabiex tisfilza l-istess affidavit u tiskarta l-kontenut kollu tieghu. Dan ifisser għalhekk li d-dokumenti annessi mal-istess affidavit ukoll ghandhom jigu

skartati, stante li m'humiex mahlufin b'gurament validu skont il-ligi u ghalhekk is-segwenti dokumenti ghandhom jigu skartati minn din l-Onorabbli Qorti:

Dok JG1 - Fedina Penali ta' Joseph Buttigieg

Dok JG2 - Stima tal-hsarat

Dok JG3 sa JG5 - Ritratti tal-hsarat

Dok JG6 - Filmat mghoddi minn Adrian Borg

Dok JG7 - Filmat mghoddi minn Mario Demanuele

Illi sussegwenti ghal dan, inhatar espert tekniku Jonathan Mizzi, liema espert gie nkarigat illi jirtira Dok JG6 u Dok JG7, u dan sabiex johrog stills mill-imsemmija CDsmu jhejji rapport dwarhom sabiex jirraporta lura lil Qorti. Illi in vista tat-talba tal-appellant sabiex l-imsemmija Dokumenti, Dok JG6 u Dok JG7 jigu sfilzati mill-atti u skartati minn din I-Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-appellant kull dokument jew prova ohra li hija konsegwenza ta' dawn l-istess filmati ghandhom jigu skartati wkoll, u l-appellant m'ghandhux jinkombi l-hlas tal-ispejjes relatat mal-istess.

b) **Hsara volontarja vs hsara involontarja**

Illi l-appellant jirreferi ghax-xhieda ta' Franklin Delia li xehed nhar is-16 ta' Gunju 2022, liema xhud jixhed li huwa ra l-incident b'mod car u juza' l-kiem "laqtu darbtejn". Illi l-uzu tal-kelma "**lagtu"** minnha nnifisha diga turi li dan kien incident b'mod involontarju.

Illi xhud okkulari iehor kien is-sur Godwin Cefai li xehed quddiem l-Ewwel Qorti nhar is-16 ta' Gunju 2022. Is-Sur Cefai jixhed illi Joseph Buttigieg saq bi traskuragni u b'konsegwenza laqat darbtejn lil Adrian Borg. Illi fl-umli fehma tal-appellant, il-kliem uzat mix-xhud Godwin Cefai ukoll jikkonferma li l-hsarat ikkawzati kienu ta' natura involontarja;

"*Xhud: Isuq bil-lanca tieghu traskurament jigifieri.*

*Avukat Dottor Mario Scerri: Bit-traskuragni.*

*Qorti: Allura kif qed tghid li bit-traskuragni? Ghalfejn? X'laqtek?*

*Xhud:* ***Ghax hareg bis-sahha minn mal-moll bil-konsegwenza li laqat darbtejn lil Adrian Borg.***

*Qorti: Adrian Borg x'hiex? Laqat persuna jigifieri?*

*Xhud: Adrian kien ipparkjat.*

*Qorti: Ipparkjat b'dingi.*

*Xhud: U s-sinjur laqtu aktar minn darba. Laqtu darbtejn jekk mhux sejjer zbal.*

*Qorti: U bl-liema manuvra intlaqat? Taf? Hux bir-reverse, bil-quddiem?*

***Xhud: Bir-reverse u hu u hiereg b'lura."*[1]**

Illi kien il-parte civile Adrian Borg stess li kkonferma in kontro-ezami li d-dghajsa tieghu kienet marbuta ma dghajjes ohrajn, u cioe' ma kienx marbut mal-moll, u ghalhekk kien qieghed fin-nofs;

" *Ix-xhud: Ehe.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao : Jigifieri int ma kontx mal-moll?*

*Ix-xhud: Le mad-dgħajjes, kif jidher ir-ritratt.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao : Issa ma' dghajjes ohra, ha nara ftit ir-ritratt, kif kont marbut, jiġifieri kien hemm dghajsa, dghajsa mbagħad int?*

*Ix-xhud : U jien, ehe.*"

Illi fil-fatt, xhud okkulari iehor migjub mill-Prosekuzzjoni kien **Christopher Scott,** li xehed quddiem l-ewwel Qorti nhar id-29 ta' Novembru 2023, liema xhud ikkonferma li s-Sur Joseph Buttigieg kien bid-dghajsa tieghu bix-xoghol ghal Kemmuna u ried

[1] Fol. 72 tal-atti

johrog minn mal-moll. Jghid li gew grupp Maltin fuq dinghi li bdew jargumentaw ma' Buttigieg u li "bdew iktar jaghtuh in-nar", filwaqt illi Buttigieg kien fl-impossibilta' li johrog minn mal-moll u minn gol-port ghaliex dawn id-dghajjes kienu qed jghalqu 1-port. Illi x-xhieda ta' Scott hija prova cara li l-incident li nqala kien purament wiehed involontarju u kwalunkwe hsarat li setghu gew ikkawzati kienu wkoll ta' natura involontarja u dan stante li l-unika haga li Buttigieg kien qed jipprova jaghmel kienet li johrog minn gol-port;

*"Il-Qorti: Il-manuvra li ghamel Joseph Buttigieg rajtha? Irriversja lura.*

*Ix-xhud: Irriversja Lura.*

*Il-Qorti: U rriversja fuq min?*

*L-Ispettur Josef Gauci: Fuq min?*

*Ix-xhud: Fuq kien hemm xi dghajjes.*

*Il-Qorti: Dgħajjes, taf x' dgħajjes kien hemm imma?*

*Ix-xhud: Ma nafx, kien hemm xi hamsa (5) jew erbgha (4), kienu qegħdin jaghlqu l-port hekk.*

*L-Ispettur Josef Gauci: U kemm-il darba saq fuq id-dghajsa?*

*Ix-xhud :Issa ma nafx, bejn tnejn (2) u erbgha (4).*

*L-Ispettur Josef Gauci: Bejn tnejn (2) u erbgha (4). U b' lura jew bil-quddiem?*

*Ix-xhud: B' lura.*

*L-Ispettur Josef Gauci: B' lura.*

*Ix-xhud: Ghax hu beda jaghti lura u 'l quddiem, jerga' lura u 'l quddiem, jerga' lura u 'l quddiem.*

*Il-Qorti: Jigifieri inti rajt manuvra ta' reverse jimxi 'l quddiem, rivers jimxi 'l quddiem ghal iktar minn darba?*

*Ix-xhud: Ghax m'hemmx fejn iddawwar, ghax kien hemm xi hames (5) dgħajjes hekk għalqu l-port.*

*Il-Qorti: Ehe, imma jigifieri din il-manuvra ripetuta kienet qieghda ssir biex hu jkun jista' johrog?*

*Ix-xhud: Biex ikun jista' johrog, biex jista' jdawwar.*

……

*Ix-xhud: Kieku jiena kont nohrog b'lura bi dritt, inhalli, nara minn fejn johrog u nohrog bi dritt, imma beda sejjer hekk.*

*Il-Qorti: Beda jagħmel diversi manuvri 'l quddiem u lura?*

*Ix-xhud: Imma mhux, ghax ma bediex jagħtih, jagħtih, bejn it-tul tal-lanca, bejn il-lanec tas-sajjieda hekk, bejn tas-sajjieda hekk, u ma bediex jagħtih, fhimt.*

*Il-Qorti: Ehe, ehe.*

*Ix-xhud: Allura beda kull darba jibbawnsja mad-dinghies."*

Illi di piu, dan ix-xhud lanqas ma ra l-hsarat li allegatament gew ikkawzati f'dan I-incident, liema hsarat qed jigu kkontestati mill-appellant.

Illi l-appellant Joseph Buttigieg, kien ghazel li jixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar id-29 ta' Frar 2024 fejn spjega li huwa jkun fuq xoghol gewwa l-Port tal-Imgarr, igorr it-turisti lejn kemuna kull siegha. Huwa jispjega li dakinhar tal-1 ta' Gunju 2021, kien sab dinghy marbut ma dghajjes ohrajn li kien fin-nofs, fejn tkellem ma' wiehed minnhom bil-kelma t-tajba sabiex jara jekk kienx diehel jew hiereg sabiex filkas jersaq peress li Buttigieg kellu bzonn johrog bit-turisti ghal Kemmuna. Peress li kien hemm rezistenza mill-persuna sabiex iressaq id-dinghy, jghid illi huwa cempel lir-rapprezentant ta' Transport Malta, certu Anthony Caruana sabiex ikun jista' jassisti, izda s-Sur Caruana qallu li ma setghax jigi minhabba impenji ohrajn, stante li kien hemm il-ftuh tas-servizz tal-fast ferry fl-istess gurnata. Illi l-appellant fix-xhieda tieghu jghid li huwa prova jghid lill-persuni fid-dinghy sabiex iwarrbu diversi drabi qabel ma huwa prova johrog, izda baqghu jirrifjutaw. Huwa jispjega illi l-mod kif timmanuvra dghajsa mhuwiex bhal karozza, u dan peress li dghajsa m'ghandhiex breaks, jigifieri meta wiehed jirriversja, irid jerga jreggaha 'l quddiem sabiex iwaqqafha milli tmur lura.

Jghid ukoll illi huwa dak il-hin kellu t-turisti miegħu fuq id-dghajsa ghal Kemmuna u ghalhekk certament ma kellu ebda intenzjoni li jwettaq xi hsara volontarja f'dawk il-mumenti;

> *"Ix-xhud: U jien taghmel, mela kieku taghmel, trid tkun mohhok mhux sew, tagħmel xoghol tat-turisti u tagħmel dik l-erezija, tigi qisha erezija quddiem it-turisti. Ghandi zewg, fejn kienu t-turisti fuq wara, tista' tara fuq il-video, qeghdin fuq wara bilqieghda, nagħmel dik 1-erezija rrid nkun vera nagra mohhi."*

Illi ghalhekk huwa car li hemm kunflitt fil-verzjonijiet tal-appellant u l-parte civile f'dan il-kaz. Illi l-appellant fuq dan il-punt jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din 1-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Lee Grech"** (Appell Nru 845/2024 - Onor. Imhallef Dott. Consuelo Scerri Herrera), fejn il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> "*In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija us Joseph Thorne:*
>
> "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma 1- Qorti, f kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f hix ser temmnu jew ma temmnux.*"

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta mhux dejjem necessarjament twassal ghal dik il-verita'. *Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jghid, kif ukoll fil-gideb* li jista' jkun qiegħed jghid. U huwa ghalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-ghemil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieh fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Ghalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bhax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-ohra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem strahu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni wahda u xejn

hliefha. **Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok ghal aktar minn konklużjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija. Jekk ikun hemm dubju ddettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib htija fl-imputat jew akkużat.**

Mill-banda 1-ohra biex persuna tiġi misjuba hatja, il-Ligi Kriminali ma tehtiegx li din tkun stabbilita b'certezza assoluta. Il-Ligi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliża fejn huwa mehtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib htija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raġuni in bażi għall-provi imressqa minnha. **Jekk id-Difiża tipprova I-punt taghha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddahhal dubju ddettat mir-raġuni, allura I-Qorti ma tkunx tista' ssib htija fl-akkużat."**

Illi in vista tas-suespost, l-appellant qed iressaq dan l-aggravvju propju ghaliex fl-umli fehma tieghu hemm kunflitt fil-provi u l-verzjonijiet imressqa quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, ghalhekk hemm dubju ddettat mir-raguni fuq l-ewwel akkuza. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jirrileva ulterjorment li jekk din 1-Onorabbli Qorti ghandha ssib htija illi huwa kkaguna xi hsarat, dawn il-hsarat ghandhom jitqiesu **bhala hsara involontarja u mhux hsara volontarja.**

**c) Nuqqas ta' prova fir-rigward tal-hsarat allegati**

Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jirrileva li l-istima tal-hsarat giet ipprezentata mal-affidavit tal-Ispettur Josef Gauci, liema affidavit qed jintalab l-isfilz tieghu u ghalhekk l-appellant qed jinsisti li din l-istima m'ghandhiex tifforma parti mill-atti processwali.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-appellant qed jikkontesta li qatt ma saru xi hsarat min-naha tieghu.

Illi fuq dan il-punt, l-appellant umilment jirrileva li ma ngabet l-ebda prova li l-allegati hsarat gew ikkawzati minn Joseph Buttigieg u li jirrelataw ghall-akkuzi odjerni. Illi fuq il-post tal-incident ma ttiehdu ebda ritratti mill-Pulizija jew minn ufficjala tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, lanqas ingab xi rapport ta' espert jew surveyor sabiex jikkonferma l-hsarat u ghalhekk fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti striehet biss fuq l-istima originali tal-hsarat ipprezentata minn Mario Muscat fix-xhieda tieghu nhar it-3 ta' Marzu 2023 (Dok MM) u fuq il-verzjoni tal-parte civile.

Illi filfatt, meta xehed is-sur Mario Muscat in konro-ezami huwa kkonferma li l-istima saret meta hu ra d-dghajsa madwar tlett ijiem wara l-incident, li huwa kien ra d-dghajsa fuq l-art gewwa Marsalforn. Illi di piu' meta muri r-ritratti mmarkati Dok JG3, JG4 u JG5, jgħid li huwa ma kien qed jaraf xejn minn dawn ir-ritratti, imbaghad gharaf biss Dok JG5, bhala hsarat u qal li dan kien jinkludi biss parti mill-fender tar-rubber li parti minnu kien maqlugh mill-kolla,

*"L-Avukat Dottor Mario Scerri: 'JG 5', ir-ritratt ta' fuq*

*Il-Qorti: Iva, qed taghrafha?*

*Ix-xhud: Dan, dan hawnhekk naghrfu iva.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao: X'juri, x'juri?*

*Ix-Xhud: X'inhu? Juri bicca mill-fender biss.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao : Bicca mill-fender?*

*Ix-xhud: Iva*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao: U dan il-fender ta' xiex kien?*

*Ix-xhud: U lanqas qed jurih kollu.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao : Il-fender ta' xiex kien?*

*Ix-Xhud: Mhux tar-rubber.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao: U xi hsara kellu?*

*Ix-Xhud: II-fender kien bicca minnu beda, maqlugh mill-kolla.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao : Maqlugh mill-kolla. Kemm tinkullah jigifieri?*

*Ix-Xhud: Iva, iva, iva.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao : U jekk nghidiek illi l-cover tal-mutur ma kellhiex hsarat jew ma garrbitz hsarat f' dan l-incident?*

*Ix-Xhud: Le l-cover tal-mutur kellha hsara sewrwa.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao: Li rajt int kien fiha l-hsarat?*

*Ix-Xhud: Li rajt jien kien fiha l-hsara.*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao: Mela stajt tikkonstata jekk din il-hsara gratx f' dan I-incident jew kinitx hemm minn qabel?*

*Ix-Xhud: X'inhu?*

*L-Avukat Dottor Kevin Mompalao: Stajt tikkonstata jekk din il-hsara fil-mutur, fil-covertal-mutur kinitx hemm jew kinitx hemm minn qabel?*

*Ix-Xhud: Issa ha nghidlek, il-mutur, dak id-dinghy dejjem hadt hsiebu jiena ghax tiswija u ghamilt xi xoghol fuqu.*

*Il-Qorti: Jigifieri inti dan id-dinghy kont rajtu qabel ukoll, qabel din id-darba?*

*Ix-Xhud: Dak id-dinghy dejjem jien hadt hsiebu*

*Il-Qorti: X'inhu?*

*Ix-Xhud: Dejjem jiena hadt hsiebu.*

*Il-Qorti: Sewwa. Jigifieri dan qatt ma rajt li kien hemm problema bil-cover tal-magna?*

*Ix-Xhud: Dak dik is-sena stess ghamilnielu t-teak tal-art, jidher fuq xi ritratti jigifieri a naf, naf.*

*Il-Qorti: Ehe.*

*Ix-Xhud: Issa jekk laqtu, jekk laqtu dik il-gimgha jew xi hmistax qabel, imma dak dejjem jiena hadt hsiebu."*

Illi fil-fatt, ix-xhud okkulari Godwin Cefai li xehed quddiem l-Ewwel Qorti nhar is-16 ta Gunju 2022 jikkonferma wkoll li ghalkemm huwa ra l-incident, hu ma ra l-ebda hsarat wara dan l-incident:

"*Qorti: U rajt xi hsarat int?*

*Xhud: Hsarat ma rajtx"*

Illi ghalkemm il-hsarat dejjem gew ikkontestati mill-appellant Joseph Buttigieg, fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Gunju 2023, huwa hallas lil parte civile tad-danni kollha allegatament ikkawzati minnu fis-somma ta' elf u hamsin Ewro (€1050) permezz ta' cheque seduta stante, u dan minghajr ebda ammissjoni ta' htija. Illi I-appellant umilment jirrileva li fil-fehma tieghu, dan il-hlas in bona fede kellu jigi kkunsidrat mill-Ewwel Qorti ghall-inqas ghal finijiet ta' piena.

Illi bhala prova in difesa, l-appellant kien ipprezenta korrispondenza (e-mail) datata 24 ta' gunju 2021, esebita a fol 189 tal-atti processwali, liema e-mail tikkonferma li l-hsarat mitluba kienu originarjament aktar mill-istima pprezentata fl-atti, u cioe' kienet mitluba s-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1500) inizjalment mill-parte civile. Illi jekk xejn, dan juri li l-parte civile kien qed jipprova jkopri hsarat u spejjez ohrajn li mhumiex mertu ta' din il-kawza.

d) **Il-hames akkuza**

Illi I-hames akkuza migjuba kontra l-appellant hija fuq l-allegat nuqqas tieghu illi mill-ewwel jagħti rapport verbali ta' dan l-incident lill-Awtorita', u l-allegat nuqqas li fi żmien erbgħa u ghoxrin siegha mill-incident jagħti rapport bil-miktub lill-Awtorita' bid-dettalji kollha li huwa jista' jitlob. Illi fl-umli fehma tal-appellant, il-Prosekuzzjoni

naqset milli ggib prova sufficjenti ta' din l-akkuza, kif ukoll hemm provi kunflingenti fir-rigward.

Illi fix-xhieda tieghu ta' nhar is-16 ta' Gunju 2022, is-Sur Rudolph Muscat in rapprezentanza ta' Transport Malta jikkonferma li l-Awtorita' saret taf bl-indicent in kwistjoni, u ghalhekk sar xi forma ta' rapport mal-Awtorita', izda ma setghax jikkonferma minn min sar dan ir-rapport mal-ufficcju ta' Awtorita' f'Ghawdex, peress li ma kienx mgharraf u ma kellux kopja tal-istess rapport;

> "*Avukat Dottor Mario Scerri: Issa Sur Muscat int bdejt billi ghidt lill-Qorti li meta jsehh incident hemm l-obbligu tal-persuna li f'isimha hi rregistrata l-vettura tal-bahar involuta f'incident li taghmel rapport lill-Awtorita fi zntien erbgha u ghoxrin siegha.*
>
> *Xhud: Iva.*
>
> *Avukat Dottor Mario Scerri: L-ewwel nett 1-Awtorita l-incident kif saret taf bih l-ewwel nett? L-incident partikolari?*
>
> *Xhud: M'iniex mgharraf. Nahseb li sar rapport mill-ufficcju ta' Ghawdex.*
>
> *Qorti Ghandek xi kopja ta' dan ir-rapport jew xi?*
>
> *Xhud: No, no. M'ghandiex.*

*Qorti: M'ghandekx."* "

Illi apparti minn hekk, l-appellant ressaq xhud in difesa, is-Sur Anthony Caruana rapprezentant ghall-Awtorita′ ghat-Trasport f'Malta, liema xhud ikkonferma li l-appellant Joseph Buttigieg kien ikkomunika mieghu diversi drabi dakinhar tal-incident. Illi in vista ta' dan, huwa car li hemm certu dubji fuq jekk l-appellant effettivament irrapurtax dan l-incident kif kien obbligat li jaghmel.

**B.Piena Erogata**

Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu in kwantu tal-ewwel akkuza hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern u cioe′ dik ta' tmien xhur prigunerija sospizi ghal zmien sena.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li l-**piena qatt m'ghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f'dan l-isfond ssir referenza ghas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Francis Mamo</u>**:

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta' fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza tal-inesperjenza jew il-bluha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero' ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bilfors kienet ghallmitu....

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **II-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jagħmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta permezz ta' servizz fil-komunita'. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat in funditus meta Qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

> *Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta 1-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht 1-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe' biex jiddetermina t-tul ta tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx jogghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament tagħmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cive biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir fdana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiched isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss,*

*tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe' ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-**Professur David Thomas** fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata fkaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika 1- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun*

*twettaq, l-impatt fuq is-socjeta', il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilz tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix faktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza uljew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***<u>R v. Sargeant:</u>***

*"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'</u>** gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistharreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setghetx legalment u*

*raġonevolment tasal għas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used*

*(either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx hati jew le, u jekk hati, x'piena ghandha tinghatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx hadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew thassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida ghaliex. Jekk pero l-Qorti tal-Maġistrati tkun hadet xi żball, imbaghad din il-Qorti ghandha d- dmir li dak 1-iżball tirrangah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieġ li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma*

*żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Ġudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il- piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jiġifieri l-effett:*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jagħmel tajjeb ghall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mġeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-**aspett preventiv** għalhekk huwa duplici wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is- soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett **riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika al-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, dagskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluħ biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati għandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mghejjun itejjeb l-imġieba tieghu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imheġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jghix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawża b'eghmilu. F'dan is-sens allura 1- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

Illi fil-kaz odjern, fl-umli fehma tal-appellant, il-Qorti naqset milli tqis li ghalkemm il-hsarat dejjem gew ikkontestati mill-appellant Joseph Buttigieg, fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Gunju 2023, huwa hallas lill-parte civile tad-danni kollha allegatament ikkawzati minnu fis-somma ta' elf u hamsin Ewro (€1050) permezz ta' cheque seduta stante, u dan minghajr ebda ammissjoni ta' htija. Illi l-appellant umilment jirrileva li fil-fehma tieghu, dan il-hlas in bona fede kellu mill-inqas jigi kkunsidrat mill-Ewwel Qorti ghall- finijiet ta' piena.

Ghalhekk il-piena imposta kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita', ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' April 2025 fejn sostna li l-aggravju intitolat **Principju Generali** fejn l-appellant stqarr li l-ewwel Qorti inoltrat ruhha minn dawk li kienu l-akkuzi u l-provi

li kellhom jingabru biex jitqiesu ppruvati dawk l-istess akkuzi u minflok qieset provi inokwi u inesistenzjali b'mod li zbaljat u attribwitilhom l-grad ta' prova li skontha kienu jimportaw htija fl-appellant m'ghandux jigi akkolt u adirittura skartat. Dwar it-tieni aggravju u proprju dak li jikkoncerna l-affidavit tal-ispettur Josef Gauci li gie redatt mhux skont il-Ligi , l-Avukat Generali irrimetta ruhu. Dwar l-aggravju li jikkoncerna hsara volontarja/ hsara involontarja , l-Avukat Generali jibqa' itenni li l-hsara giet ikkagunata b'mod volontarju. Dwar l-aggravju ta' nuqqas ta' prova fir-rigward tal-hsarat allegati , l-Avukat Generali isostni li huwa ressaq bizzejjed provi sabiex jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti il-quantum tad-danni reklamati u cioe' skont l-istima pprezentata fl-atti minn Mario Muscat a fol.125 markata bhala dok MM, il-persuna li harget l-istima in desamina. Dwar il-hames aggravju fejn l-appellant jghid li ma giex ipprezentat rapport bil-miktub lil Awtorita' tat- Trasport kif rikjest mill- LS 400.23 l-Avukat Generali jghid li una volta r-rapport kien wiehed verbali dan kien jissodisfa il-vot tal-ligi. Dwar l-aggravju tal-piena l-Avukat Generali jiddikjara li mhux meritat.

Semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2025.

Ikkunsidrat.

Illi l-ewwel aggravju li din il-Qorti ser titratta huwa dak li jikkoncerna l-ammissibilita' tal-affidavit tal-Ispettur Josef Gauci esebit fl-atti a fol. 80 waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru, 2021. L-Appellant jirrileva li fl-affidavit tal-ispettur Josef Gauci ma hemmx imnizzel il-lok fejn ittihedet l-istqarrija. Fil-post fejn hemm miktub 'Lok' hemm il-vojt.

Din il-Qorti tal-umli fehma li għal aktar kjarezza ta' ħsieb ikun opportun li wieħed jibda billi jikkunsidra u jeżamina l-Artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jaqra bil-mod segwenti:

> 7. *Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*

*Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud u li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi.*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Toussaint Azzopardi</u>**, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Ġunju 2024, fejn dik il-Qorti tenniet hekk:.

> *Id-difiża tikkontendi li l-affidavits ta' PS130 u PC544 m'għandhomx valur probatorju għaliex il-ġurament huwa nieqes minn element essenzjali għall-validita tiegħu, u ċioe il-lok. L-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*
>
> *"Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar."*
>
> *Il-Qorti rat illi l-Kummissjunarju li quddiemu ttieħed il-ġurament mill-uffiċjali imsemmija indika illi d-data ta' meta t-tieħed il-ġurament kienet il-11 ta' Marzu 2024, u iddikjara wkoll hekk: "Lok: E.P.U." Jirriżulta għalhekk li l-Kummissjunarju indika li l-ġurament kien qiegħed jittieħed fl-Environmental Protection Unit. Dak li trid tiddeċiedi l-Qorti għalhekk huwa jekk din id-dikjarazzjoni tissodisfax il-vot tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk il-fatt li ma ġew iddikjarati l-ebda partikolaritajiet oħra dwar il-lok, bħal l-isem tat-triq u l-belt fejn jinstab l-Environmental Protection Unit ifisser li hemm nieqes element essenzjali għall-validita tal-ġurament.*

Il-Qorti tosserva li l-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni tat-terminu 'lok', fis-sens illi ma *jindikax bi preċiżjoni eżattament xi jrid jiġi indikat mill-Kummisjunarju sabiex jiġi sodisfat dan ir-rekwiżit. Għalhekk trid issir interpretazzjoni mill-Qorti, abbażi tal-buon sens u l-loġika, u peress li dawn huwa proċeduri penali, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva u ssolvi kwalunke dubbju favur l-imputat.*

***M'hemmx dubju li dak li ried il-leġislatur huwa li meta jittieħed ġurament fuq affidavit il-Qorti u l-partijiet għandhom jitpoġġew f'posizzjoni li jkunu jafu fejn u meta ittieħed il-ġurament, dettalji dawn li jkunu jafu awtomatikament meta xhud jixhed viva voce quddiem il-Qorti. F'dan il-każ jirriżulta li l-ġurament fuq l-affidavit ittieħed ġewwa l-Environmental Protection Unit, li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċċju statali u pubbliku. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-indikazzjoni mogħtija hija suffiċjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollhomx dubbju raġonevoli dwar fejn ittieħed il-ġurament, bl-istess mod li kieku l-ġurament ittieħed fil-binja tal-Qorti ma kienx ikun hemm bżonn li titniżżel isem it-triq u l-lokalita' biex wieħed jifhem fejn ittieħed il-ġurament. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-argument m'għandux mis-sewwa u qiegħed jiġu miċħuda.***[2]

L-esponent jagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toussaint Azzopardi,** mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Novembru 2024 (Appell Nru: 1513/2024), fejn din il-Qorti qablet mar-raġunament u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrat f'dak il-każ, u kkunsidrat is-segwenti:

---

[2] Enfasi tar-rikorrenti

*Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jistqar li l-affidavits rilaxxjati mill-pulizija u cioe PS 1330 Roderick Farrugia u PC 544 D Micallef ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-ligi u appuntu l-artikolu 7 tal-Kaptiolu 79 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament ghaliex ma giex indikat il-lok fejn inghata il-gurament.*

*Illi huwa permess skond l-artikolu 360A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li l-prosekuzzjoni tippreneta ix-xhieda taghha meta si tratta ta' ufficcjali tal-pulizija permezz ta' affidavits minflok ma dawn joqghodu jitilghu jixhdu viva voce il-Qorti waqt proceduri somamrji l-Qorti. Huwa pero importanti li l-gurament li jinghata lill-pulizija minn ufficcjal tal-pulizija li jkun ukoll kummissarju b'setgha li jaghti gurament nominat fit-termini tal-Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar il-Kumissarjonarji b'setgha li jaghtu gurament .*

*Illi l-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-Ordinanza VIII tal 1934 li kienet promulagata fis-6 ta' Frar 1934, u hija bbażata fuq l-Commissioners for Oaths Act 1889 ta'l-Ingilterra u Wales. Din il-legislazzjoni tipprovdi dwar il-partikularitajiet li għandu jkun fih il-jurat jew l-attestat;-*

*7.Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom ilġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*

*Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħudu li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi*

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-Ligi jidher car u uniku li l-Ligi tirrikjedi li jigi specifikat **il-lok** ta' fejn jkun inghata l-gurament. Infatti l-legislatur uza l-kliem '*ghandu jiddikjara*' u jikkwalifika wkoll bil-kelma '*sewwa*'. Il-legislatur ma juzawx il-kelma ' *jista*' f'liema kaz kien ikun biss fakoltattiv li jigi indikat il-lok fejn inghata l-gurament. Harsa lejn il-verzjoni Ingliza hemm il-kliem '*shall state truly*' li huwa jindika obbligu tassattiv. Ghalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jan**

**Christoffer Oskarsson** [3] il-Kummissarju tal-Pulizija b'setgha li jaghti gurament huwa obbligat bil-Ligi li jindika l-lok fejn huwa issominsitra l-gurament lix-xhud.

**Illi f'dan il-kaz jinghad li l-Kummissarju li kellu is-setgha li jghati gurament u cioe' l-Ispettur Josef Gauci naqas li jindika ghal kollox il-lok fejn ha l-gurmanet tieghu. Jigi rilevat li l-Ispettur Josef Gauci hu ufficcjal statali u pubbliku u ghalhekk l-indikazzjoni talloka fejn ha l-gurament ghandha tkun wahda cara u sufficjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollomx dubju ragonevoli dwar fejn ittiehed il-gurament.**

Din il-Qorti taghmel ghal kul bon fini, ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Fenech**, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Jannar 2025, fejn dik il-Qorti ssollevat *ex officio* l-inammissibbiltà ta' affidavit ta' uffiċjal tal-Pulizija *stante* li ma ssodisfax id-dettami tal-Artikolu 7 tal-imsemmija Ordinanza, Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li dik il-Qorti, diversament ippreseduta, għamlet referenza għas-sentenza tagħha fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Toussaint Azzopardi** surriferita, tenniet hekk:

> *Rigward dan, jekk kellu jittieħed ir-raġunar tas-sentenza sopraċitata, u ċioe' li peress li l-kunċett ta' lok ma ingħatax definizzjoni fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79, il-Qorti għandha tapplika l-buon sens u l-loġika, u li peress li dawn huma proċeduri penali, l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett b'mod restrittiv, fejn fis-sentenza sopraċitata hemm imniżżel post (u ċioe' l-Environmental Protection Unit) fejn ittieħed il-ġurament li rrenda l-affidavits esebiti f'dawk il-proċeduri bħala ammissibbli, f'dawn il-proċeduri jidher biċ-ċar li d-data hija ndikata bit-timbru filwaqt li l-lok fl-affidavit huwa biss indikat bil-lokalita' u ċioe' 'Birżebbuga' – li naturalment ma jindika ebda lok jew post preċiż għaliex 'Birżebbuga' tindika biss il-lokalita' sħiħa li bħala 'lok' hija wisq wiesgħa biex din il-Qorti tasal verament għall-post u lok ta' fejn ittieħed tali ġurament.*

[3] Deciz mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2024 per Magistrat Dr Jean Paul Grech

*Huwa proprju għalhekk li din il-Qorti ma titħallilhiex triq oħra għajr li tiskarta dan l-affidavit bħala inammissibbli fis-sens li ma jistax jingħata piż probatorju.*

Dan l-istess insenjament gie wkoll konfermat ghal darb' ohra minn din il-Qorti kif ippreseduta fis-sentenza taghha fl-ismijeit **<u>Il-Pulizja vs Pauline Agius Cassar[4] meta kient hi stes li qajmet tali eccezzjoni u kkonkludiet hekk:-</u>**

*Madankollu, din il-Qorti jidrilha illi ghandha tqajjem ex officio il-fatt illi l-affidavit ta' PC 2031 ghandu nuqqas li ma jistax ma jigix sollevat minn din il-Qorti. L-Artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk: 'Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar: Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħudu li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi' Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jidher car li l-ligi tirrikjedi li jigi specifikat il-lok ta' fejn jkun inghata l-gurament. Infatti l-legislatur uza l-kliem 'ghandu jiddikjara' u jkkwalifika ukoll bil-kelma 'sewwa'.*

*Il-legislatur ma wzax il-kelma 'tista' f'liema kaz, kien ikun biss fakoltativ li jigi indkat il-lok fejn inghata l-gurament. Ghalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Jan Christoffer Oskarsson</u>**, il-Kummissjunarju tal-Pulizija b'setgha li jaghti gurament, huwa obbligat bil-ligi li jindika l-lok fejn huwa issominsitra l-gurament lix-xhud.*

---

[4] Appell Nru: 2803/2022 deciz nhar , 21 ta' Novembru, 2024

Ghalhekk in omagg mas-suespost din il-Qorti ser tiskarta l-affidavit tal-Ispettur Josef Gauci fl-intier tieghu u tiddikjara tali xhieda bhala inammissibli. Dan ifisser li kull dokument li gie esebit minn dan ix-xhud mal-affidavit tieghu jekk ma giex ikkonfermat mill-awtur tieghu wkoll, ser jigi kkunsidrat bhala inammissibli. Konsegwentement din il-Qorti qeda tilqa' dan l-aggravju tal-appellant. Jigi rilevat ukoll ***ex ufficcio*** li l-affidavit rilaxxjat minn PS 664 esebit fl-atti a fol 7a tal-atti waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2021 ukoll ma giex redatt skont id-dettami tal-Ligi ghaliex ghal darbohra m'hemmx imnizzel il-lok fejn gie kkonfermat dan l-affidavit u ghalhekk din il-Qorti sejra wkoll tiskarta dan it-tieni affidavit u ; l-okkorenza esebita minnu mmarkata bhala Dok B. Dan qed jinghad ghaliex l-okkorenza giet redatta minnu u ghalhekk stante li ma gietx ikkonfermata minn l-awtur taghha, din ukoll m'ghandhiex tigi kkunsidrata bhala prova ammissibbli.

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant in sintesi jghid li l-ewwel Qorti m'ghamltix apprezzament tajjeb tal-provi anzi addirittura l-apprezzament taghha kien wiehed zbalijat u dan ghaliex kien hemm diversi punti li ghazlet li tinjora jew ma temminhomx jew inkella adirittura tassumihom minghajr ebda prova. Ghalhekk tali aggravju jirrifletti l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti li abazi tieghu waslet ghall-gudizzju taghha.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti li setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

- **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
- **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
- **Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
- **Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
- **Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;
- **Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
- **Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex jghaddi ghall-ezami provi imressqa u taghmel analizi mill-gdid taghhom pero' din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[5]

---

[5] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib,** 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili,** 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003**; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004**, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tesamina mill-gdid il-provi imessqa u naturalment ser taghmel il-gudizzju taghha a bazi biss ta' dawk il-provi li huma ammissibli skont il-ligi.

Rat ix-xhieda ta' **Rudolph Muscat** in rappresentanza ta Transport Malta moghtija nhar it-16 ta' Gunju 2022 fejn stqar li wara li isir incident kummercjali, l-operatur huwa obbligat li javza lil Awtorita' bil-fomm minnufih u bil-miktub fi zmien erbgha u ghoxrin siegha . Jghid li filfatt l-appellant naqas li jaghmel dan u cioe' li jipprezenta rapport bil-miktub dwar l-incident kummercjali fejn kien involut hu. Qal li l-appellant kien qed ibahhar fuq id-dghajsa bin-numru ta registrazzjoni S21103 bl-isem 'Bella1' . Huwa pprezenta ir-registrazzjoni tad-dghajsa li giet immarkata bhala dok RM1, ic-certifikat Kummercjali tad-dghajsa li gie mmarkat bhala dok RM2. L-*operator license* immarkat bhala dok RM3 ilkoll jghajtu lill-appellant. Esebixxa wkoll certifikat ta' kompetenza ta' sewqan li tghajjat lill-appellant li giet immarkata bhala dok RM4. Jghid li rapport bil-miktub dwar l-allegat incident ma ghandhomx l-Awtorita'. Huwa esebixxa serje ta' e-mails bejn l-Awtorita' u l-appellant li gew immarkati bhala dok RM5 li jikkonfermaw li l-appellant ma ghamilx rapport bil-miktub. Jghid li filfatt ittihdet azzjoni amministrattiva fil-konfront tieghu ghal dan in-nuqqas u gie kkundnnat ihallas zewg multi li kienu ghadhom pendenti. L-appellant kien intavola appell minn din id-decisjoni skont id-dok RM5 esebit minnu. Ipprezenta kopja tal-multa li gie kkundnnat ihallas fl-ammont ta' €2,000 li giet immarkata bhala dok RM6. Dwar dan pero', ix-xhud jghid li l-multa kienet inghatat lilu dwar zewg incidenti li sehhew fis-7 u 20 ta' Gunju u mhux fil-gurnata li biha gie akkuzat. Huma ma hadux passi kontra tieghu dwar dan l-incident sabiex ma jinpingux fuq l-azzjoni kriminali mehuda mill-pulizija.

Rat ix-xhieda ta' **Franlin Delia** moghtija nhar is-16 ta' Gunju 2022 fejn spjega li nhar l-1 ta' Gunju 2021 dahal jaghti fuel lid-dghajsa tieghu biex ma joqghodx idur, u fin-nofs kien hemm dinghy u beda izomm mieghu. Malli kien qed izomm mieghu jaqbez wiehed minn fuq il-blat u qallu biex izul minn hemm u beda jodffendih bil-kelma 'pufta' u qallu li appena isuq jitla' fuq id-dghajsa u isuqlu 'l hemm. Hekk ghamel fil-fatt. Mistoqsi min kienet din il-persuna jghid li kienet l-imputat li gharaf fl-awla,

persuna li tiehu hsieb id-dghajsa tat-turisti. Qal li huwa ghandu dghajsa zghira ta sittax-il pied. Muri ritratt tal-port mehud mill-ajru mmarkat bhala dok MS u huwa mmarka bl-ittra X fejn kien hu, bl-ittra Y fejn kienet id-dghajsa tal-imputat u bl-ittra Z minn fejn jghajjatlu l-imputat.

Imbaghad jghid il meta rah tiela' fuq id-dghajsa kien jidher irrabjat. Huwa qabad id-dghajsa tieghu u telaq 'l hemm. Fil-pront mar fuq dinghi iehor u tah bil-quddiem bil-mutur, jerga' jirriversja u jahrab 'l quddiem. Qal li d-dinghy tal-imputat laqat dan id-dinghy darbtejn minkejja li kien hemm wisgha bizzejjed biex jghaddi. Ikkonferma li l-incident rah sew. Ikkonferma li d-dinghy li intalqat kien qed jintuza minn Adrian Borg li x-xhud identifika fl-awla quddiem il-Magistrat. Qal li meta ra lill-imputat jirriversja ghal god-dinghy ta' Adrian Muscat kien vicin hafna tieghu.

Rat ix-xhieda ta' **Mark Borg** u kkonferma li id-dinghy li kien involut fl-incident hija rregistrata fuq ismu u ghandha l-isem 'Vitamin C Gozo' kif jirrizulta mid-dokument esebit minnu mmarkat bhala dok KM1. Jghid li dakinhar tal-incident ma kienx prezenti. Qal li t-tiswija fuq id-dinghy saret u kienet fl-ammont ta' cirka €800 u €1,000. Huwa ma thallasx tal-ispejjez ikkagunati mill-imputat. Qal li t-tiswijiet saru minn Mario Muscat min-Nadur.

Rat ix-xhieda ta' **Godwin Cefai** moghtija nhar is-16 ta' Gunju 2022 u jghid li jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta bhala bombardier. U jahdem bhala rescuer fuq il-bahar. Dakinhar tal-incident u cioe' Gunju 2021 jghid li kien qed jaghti l-fuel. Jghid li f'hin minnhom inqala argument u li kien prezenti. Ma setghux jaraw ezatt min kien qed jghajjat ghalxiex kien hemm hafna dghajjes. Meta harsu raw lill-imputat isuq id-dghajsa tieghu b'mod traskurat , billi hareg bis-sahha minn mal-moll bil-konsegwenza li laqghat darbtejn lil Adrian Borg li kellu id-dinghy tieghu stazzjonat. Laqtu bir-reverse huwa u hiereg b'lura Muri dok MS1 jghid li jgharfuh. Huwa kkonferma li dan hu l-Moll fejn jghatu l-fuel tal-Mgarr. Huwa mmarka bl ittra 'A' ; fejn hi l-petrol station, 'B' fejn kien hemm id-dinghy taghhom u 'C' fejn kien mal-genb fuq il-moll. Faccata fejn kien ankrat l-imputat u ghalhekk seta jara l-imputat jimamnuvra d-dghajsa tieghu kkonferma li meta intlaqat id-dinghy fuqu kien hemm Adrian Borg. Mistoqsi jekk rax xi hsarat jghid li ma tax kaz. L-imputat tah zewg daqqiet u huwa

flimkien ma suldati ohrajn shabu  gibdulu l-attenzjoni tieghu ghal dan il-fatt . Huma bdew jghajtu u jghidulu il kien ghamel hsara izda l-imputat ma tax kaz u baqa' sejjer. Jghid li ma jafx kemm kellu speed l-imputat izda bi speed aktar eccessiv mis-soltu u cioe' suppost kien bi three knots pero' hu ma jistax jghid kemm kellu knots. Jghid li kien ra lill-imputat f'dghajsa tat-turisti li tmur Kemmuna, u hija twila xi 25 jew 30 pied. Id-dghajsa ta' Adrian jahseb li hija kemm, kemm izghar izda ma jafx kemm hi twila .

Rat ix-xhieda ta' **Jonathon Mizzi** moghtija nhar il-25 ta' Novembru, 2022 u jikkonferma li nhar il-5 ta' Novembru, 2021 kien gie nominat sabiex janalizza id-DVDs esebiti fl-atti u johrog stills  mill-istess DVDs. Huwa ghamel hekk u pprezenta ir-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok JM1. Ikkonferma li mill-filmati d-dghajsa 'Bella 1' tidher qed tahbat mad -dinghy  dabtejn fil-parti ta' wara tieghu waqt li dan kien irmiggjat.

Ix-xhud rega xehed nhar it-13 ta Gunju 2023 u pprezenta kopji ta zewg dokumenti mmarkati bhala dok JG6 u Dok JG7 u pprezenta r-rapport tieghu u rritorna id-DVDs.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Theuma** moghtija nhar il-25 ta' Novembru, 2022 u jghid li jahdem bhala diver mal-Forzi Armati ta' Malta. Jghid li nhar l-1 ta Gunju 2021 kien qed jghati l-fuel fil-port tal-Mgarr u inqala argument bejn l-imputat li gharaf fl-awla u persuna ohra li kellha dinghy li kien qed jistenna biex jiehu l-fuel biex jidhol flokhom. X'hin huma hargu bid-dinghy dan prova jidhol flokhom u inqala argument bejniethom u fis-siegha u l-hin wiehed minnhom beda jghajjat minn fuq il-moll u l-iehor kien fuq id-dinghy marbut mal-moll.  L-imputat mar biex isuq u jiehu t-turisti lejn Kemmuna u beda jmur lura bid-dghajsa u baqa' diehel go Adrian Borg. Jikkonferma li ra din il-manuvra b'ghajnejh. Jghid li l-imputat saq fuqu tlett darbiet. Kien saq lura, rega saq bil-quddiem, saq lura, rega saq bil-quddiem, rega' ghamel l-istess manuvra imbaghad qala 'l barra.  Mistoqsi jekk jafx ghalxiex saq ghal fuq Adrian jghid li ma jafx.  Jghid li ma jahsibx li l-imputat kellu jaghmel din l-manuvra tlett darbiet. Jahseb li kien hemm bizzejjed spazju biex johrog.  Huwa gharaf lil Adrian Borg fl-awla meta l-Magistrat talbu biex jidhol gewwa bil-ghan li jigi identifikat.

Ikkonferma li ghalkemm l-imputat ghamel l-istess manuvra tlett darbiet, dahal fuq Adrian Borg darbtejn zgur. L-incident sehh bejn is-1.30pm u s-2.00p.m

Qabel dan l-incident l-imputat kien qed jghajjat ma' tlett persuni ohra li kienu fuq dinghy iehor u l-argument kien maghhom. Beda jghajjat maghhom ghaliex ma setax johrog bihom. Ghalhekk jghid li l-argument tal-imputat ma kienx ma Adrian izda mal-irgiel l-ohra. Ikkonferma li l-imputat kellu d-dghajsa tieghu mghobbija bit-turisti. Fejn kien marbut l-imputat hemm unloading biss. Jghid li Adrian Borg kien riesaq ghal fejn jiehu l-fuel. Muri r-ritratti esebiti minn Jonathon Mizzi, hu mmarka bl-ittra Y fejn kien Adrian Borg u huma kienu hdejn il-mutur u mmarka bl-ittra W.

Rat ix-xhieda ta' **Mario Demanuele** moghtija nahr it-3 ta' Marzu 2023 u jghid li dakinhar tal-incident kien qieghed fil-port jigbed xi filmati tal-launch tal-fast ferry ta' Ghawdex. Muri dok JG 6 esebit fl-atti jghid li dan il-filmat gie mehud minnu dak il-hin tal-incident. Muri dok JG 7 jghid li jista' jkun tieghu izda l-isem tal-video mhux tieghu zgur. Dan il-filmat ittiehdet bid-drone . Qal li huwa ma indunax bl-incident u sar jaf bih biss meta cemplitlu l-ispettur u talbitu kopja tal-filmat li kien ha.

Rat ix-xhieda ta' **Mario Muscat** moghtija nhar it-3 ta' Marzu 2023 u kkonferma li kien gie mitlub minn Adrian Muscat jaghti stima ta' xi hsarat li kien hemm fuq dinghy. Muri dok JG2 jghid li din saret minnu hija stima tal-hsarat li rranga fuq id-dinghy. Il-cover tal-mutur kellu daqqa u kien mifqugh u l-istickers kienu ghadhom ma waslux minn barra. Huwa ghadu ma thallasx s-somma ta' €1050 ghax ix-xoghol kien ghadu mhux lest kollu. Kien ghad baqalu jwahhal l-istickers. Ghamel it-tubes u fender repair. It-tubu huwa tar-rubber u ghalhekk jinkollawh bil-kolla. Kien hemm ukoll it-towing biex hadu. Muri r-ritratti esebit mar-rapport ta' Jonathon Mizzi huwa identifika d-dinghy markat bil blu b-ittra 'Y' u dan b'referenza ghall-pagna 4 minn 9. Mistosi in kontro ezami meta kien hareg l-istima jghid, jekk jiftakar sew, li xi tlett ijiem wara li sehh l-incident. Id-dghajsa kienet fl-art il-Qbajjar M'form u dan ghax giet ittowjata. Muri r-ritratti mmarkati bhala dok JG 3, dok JG4 u dok JG 5, jghid li ma jarafhomx u ma jafx min hadhom. Muri ghal darb' ohra mill-Qorti dok JG 5 jghid li jaraf ir-ritratt, jghid li jindika parti mill-fender li kien hemm mad-dinghy. Jikkonferma

pero' li l-hsara kien raha b' ghajnejh inkluz il-cover tal-mutur li kellu ghafsa sewwa. Dan id-dinghy dejjem ha hsiebu hu. Il-cover huwa irrangah ghaliex kieku bidlu kien jigi mal-€1500 wahdu. Zebgha u fibreglass minn gewwa. Izda biex tpoggi z-zebgha trid taqla l-istickers. Naturalment huwa pprova jimminimizza l-ispejjez. Il-crack fil-cover kien fuq wara fuq in-naha tal-left.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-13 ta Gunju 2023 u cioe' li l-imputat hallas is-somma ta' €1050 Euro lill-parte civile minghajr pregudizzju ghal kull dritt ta' rivalza li ghandu versu l-assikurazzjoni tieghu u minghajr ammissjoni ta' htija.

Rat ix-xhieda ta' **Adrian Borg** moghtija nhar is-17 ta' Ottubru 2023 fejn spjega li nhar l-1 ta Gunju 2021 kien qieghed l-Imgarr marbut fil-port bejn zewg dghajjes li kienu fuq il-pompa tal-petrol. Id-dghajsa kienet mitfija u marbuta. Id-dghajsa hija imsejha 'Vitamin C Gozo' u hija twila 27 pied. Din ghandha mutur outboard. Kien qed jistenna lil siehbu jasal biex jitilqu biha. Waqt li kien qed jistenna jara lil Adrian Borg jasal minn Kemmuna bit-turisti fuq il-loading bay biex ihotthom minghajr ebda problema ta' xejn. Dak il-hin ma tkellmux. Warajh gie Franklin u talbu biex izomm mieghu u kien qed izomm b'idejh mad-dghajsa, halli x'hin jitilqu s-suldati minn mal-pompa tal-petrol, jidhol jaghti l-petrol ghax kellu bzonn jaghti l-petrol.

Huwa qallu li ma kienitx problema u qallu li kien sejjer daqt ukoll. Sadanitant l-imputat minn fuq il-moll beda jghajjat ma' dan Franklin biex jersaq minn hemm u jaghmillu l-wisgha ghax daqt kien ser johrog bit-turisti minn hemm gew. Jahseb li din id-dghajsa ta Franklin kienet qed tghalaq b'xi mod id-dghajsa. Beda jghidlu hekk l-imputat. Franklin qallu li ma kienitx problema. Qallu li meta kien ser imur kien lest li jcaqlaq id-dghajsa. Franklin ma nizzilx minn fuq id-dghajsa tieghu. Dawn ma ftehmux u bdew jillatikaw bejniethom; Franklyn u l-imputat. L-imputat kien irvillat u msahhan wara dan l-argument u kien sar il-hin biex johrog minn fuq il-post tieghu flimkien mat-turisti biex imorru lejn Kemmuna u flok saq bil-galbu biex johrog minn fuq il-post, dan irranka d-dghajsa bin-nervi ghal Franklin. Fl-argument huwa ma tkellem xejn. L-argument kien biss bejn Frankliln u l-imputat. Hu kien bil-kwiet fuq id-dinghy tieghu u ma kellux x'jaqsam xejn, kif dahal seta johrog.

Id-dghajsa ta' Franklin kienet marbuta mieghu u meta Franklin ra dan l-agir min-naha ta' Joseph Franklin startja u saq. Huwa kien marbut minn quddiem u minn wara ma kellux din il-heffa li jsuq ma kienx jaf x'ser jigri u cioe' li l-imputa kien ser jidhol go fih. L-imputat beda jmur 'il quddiem u lura u b'sahna jirranka ghal go fih minkejja li ma kellux x'jaqsam mal-argument. L-ewwel darba ghamilha waqt li huwa kien fuq l-isteering tad-dghajsa tieghu. It-tieni darba biex ma jergax jaghmilha mar fuq wara biex jilqa' d-dghajsa tieghu ghax dak il-hin hekk tah forsi ma jaghmilx hsara u mar fuq wara tad-dghajsa tieghu u xorta saq ghal fuqu minkejja li kien hemmhekk u filfatt seta wegghu.

Jghid li in effetti kellu kollizjoni mieghu . Huwa beda jghidlu biex jieqaf .Qallu 'oqghod hemm ha nifqahulek' ghax id-dinghy mhux tal- fibre izda tal-arja. . Hu kien alabiebu dahal go fih u baqa' sejjer mat-tieni darba. Bejn l-ewwel incident u t-tieni daqqa kien hemm ftit sekondi. Jghid li kien hemm minn fejn johrog u ma jafx ghalfejn wehel hu mieghu. Huwa jghid li garrab hsara fuq in-naha ta' wara tad-dghajsa u gharaf l-istima u r-ritratti esebiti fl-atti . Dok JG3, JG4 JG5 u JG6 juru l-impatt tal-hsara li kellu. Hemm ir-rubber li inqala minn postu u dan qatt ma gie kif kien qabel. Jaf li l-istima hi ta' Euro 1050. Huwa thallas fil-mori ta' dawn il-proceduri minghad l-imputat. Id-Dok MS1 huwa areial view ta fejn sehh l-incident. L-area kient libera fil-mument meta l-imputat gie biex johrog ma kienx hemm tfixkil. Ikkonferma li l-incident sehh bejn 1.30 p.m u is-2.00p.m. Meta l-imputat mar ghal fuqu Frankllin telaq b'heffa. Jghid li meta ghamel ir-rapport ghand il-Pulizija ma kienx jaf li kien hemm vidjow li qabad l-incident. Jghid li mhux minnu li l-imputat qallu kemm-il darba li ma setax jipparkja hemm ghax hemm *unloading,* jghid li lilu qatt ma qallu xejn. Huwa jghid li ma kienx mal-moll izda mad-dghajjes ohra kif muri fir-ritratti stess. Jghid li kien litteralment fin-nofs bejn zewg dghajjes. L-imputat hareg b'lura ghal go fih.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Christopher Scott** li jahdem mal-Armata u stazzjonat ix-Xatt, l-Imgarr, Ghawdex. Jghid li dak inhar tal-incident kien qieghed ix Xatt jaghti l-fuel mill-pompa tal-petrol u gie dinghy bil-Maltin u s-sewwieq beda jghajjat. Id-dinghy bil-Maltin prova jittrakka u l-imputat ried johrog bid-dghajsa tieghu bit-turisti . Ried jaqla u jirriversja u ma setax johrog bihom u bdew jishnu l-irjus . Jaf li f'xi hin l-

imputat irriversja lura fuq xi dghajjes li kienu qed jghalqu l-port. Saq fuq id-dghajjes xi darbtejn jew erbgha darbiet . Beda jghati lura u 'l quddiem ghax ma kienx hemm fejn iddawwar. Il-manuvra irrepetiha biex ikun jista' johrog. Jaf li l-imputat laqat xi dinghy pero' ta min hu ma jafx. Dwar il-hsara ma jafx f'hiex kienet tikkonsisti. Huwa irrepeta din il-manuvra 'il quddiem ul ura kemm ghax kellu n-nervi u biex jipprova johrog. Kollox ma kollox, jghid li huwa kien johrog b'lura bi dritt izda l-imputat beda jmur il-quddiem u lura jipprova jdawwar bejn id-dghajjes u juza id-dighies li kien hemm bhala bouncers. Huwa ma kienx rah diehel lill-imputat. Rah marbut u x'hin wasal Adrian Borg bid-dghajsa tieghu ma jafx. Mistqosi jekk jarax lill-imputat hemmhekk jghid li jarah kull darba ikun imissu xoghol il-Port.

Rat ix-xhieda ta' **Armando Zammit** moghtija nhar id-19 ta' Jannar 2024 u kkonferma dak li kien qal ix-xhud precedenti. Jaf li kien hemm dinghy marbut bejn zewg dghajjes u kien hemm dghajsa mixja 'il quddiem u lura u dahlet f'dinghy la jaf darbtejn u lanqas tlett darbiet. . Dak il-hin kien rasu l-isfel jaghti l-fuel. Sema nies jghajtu u ghalhekk ma jistax jghid jekk hux darbtejn jew tlieta. Jaf li kien Joseph Buttigieg qed isuq id-dghajsa tat-turisti bl-isem 'Bella' li dahlet fid-dinghy. Dan hu l-impuatat odjern. Jaf ukoll li d-dinghy kien ta' Adrian Borg.

Rat ix-xhieda ta' l-**Ispettur Josef Gauci** moghtija nhar id-29 ta Frar 2024 u kkonferma li r-rapport kien sar minn PS 664 Jason Xerri u minnufih ordna li l-imputat jigi arrestat. Kien gie infurmat li l-imputat kien dahal go dghajsa tlett darbiet u ghamel xi hsarat u li kien kiser il-buon ordni. Jikkonferma li l-kwerelant jafu u li filfatt huwa membru tal-korp tal-pulizija. Jghid li kien wasal ghas-somma tal-hsarata fl-ammont ta' elf u hames mitt euro ( €1,500) mill-istima li giet moghtija lilu mill-kwerelant u cioe' dik esebita fl-atti u mmarkata bhala dok JG2 rilaxxata minn Mario Muscat. Gharaf ukoll ir-ritratti annessi mal-affidavit tieghu u jghid li dawn gew mghoddija lilu mil-kwerelant stess. Ikkonferma li l-imputat qatt ma kien kelmu fuq il-kaz ghaliex l-investigazzjoni kien ghamilha is-surgent.

L-**imputat Joseph Buttigieg** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar id-29 ta' Frar 2024. Dan spjega li xoghlu hu fil-port tal-Imgarr, jidhol u johrog bid-dghajjes, igorr it-

turisti kull siegha. Ghandu post immarkat bhala loading/unloading bay. Kemm jghabbu u jitilqu 'l hemm. Dan jinsab faccata tat-terminal. Mistoqsi kemm ilu jaghmel dan ix-xoghol jghid tmien snin. Jiftakar li dakinhar tal-incident kien gie minn Kemmuna ghall-habta ta 1.40 p.m u wasal fil-port tal-iMgarr. Hemmhekk sab dan id-dinghy marbut ma' dghajjes ohra. Qabel dan l-incient ma kienx jaf la lil sid id-dinghy u lanqas id-dinghy stess. Qal li kien hemm erba' dghajjes marbutin ma genb xulxin. Qal li mhux suppost ikun hemm dak il-hin. L-ewwel wahda kient marbuta mal-moll, imbaghad it-tieni maghha, t-tielet mat-tieni u r-raba' mat-tielet dghajsa. Bil-kelma it-tajba qal lill-imputat ' habib, jekk tista, thallihulix hawnhekk, ghax jien diehel u hiereg kull siegha'. Qallu ukoll ' nixtieqek tghinni'. Qallu wkoll ' imma diehel u heireg u ma rridx nghamillek hsara'. Mistoqsi x'kien qed jaghmel il-kwerelant, jghid li ma kien qed jaghmel xejn; kien bilqeghda fuq id-dinghy. Jghid li kien qallu dan il-kliem meta kien diehel, waqaf hdejh bil-mod ghax kien hemm spazju u bil-kastig jghaddi bil-mod bil-pruwa. Qal li meta johrog imbaghad johrog bir-reverse.

L-imputat jghid li l-kwerelant kien wiegbu li kien ser ihalli d-dinghy fejn kien. Ghalhekk dahal fil-port u cempel lil Transport Malta fis-1.43 p.m u tkellem ma' certu Anthony Caruana. Qallu li kien hemm dinghy li ma riedx jiccaqlaq u talbu biex imur ikellem is-sewwieq tieghu. Qallu li ma setax imur ghax kien imhabbat bil-fast ferry. Imbagahd beda jghid lil Adrian biex iwarrablu ghax kienu saru s-saghtejn u ried johrog, kellu zewg turisti fuq il-poppa fuq quddiem. Dan beda joffendih bil-mejtin tieghu. Qal li kien konxju hafna ta' dak li kien ghaddej biex ma jkunx tard ghaliex beza' li jaghmlulu xi haga fuq l-internet u jaghmlulu *bad name* lill-kumpanija. Qal li kienu saru s-saghtejn u cempel lil Richard tal-ufficcju izda ma ghenux. Qalhom kemm-il darba biex jaqilghu ghax anke it-turisti bdew igergru u flok ma kelmuh bil-kelma t-tajba bdew jinsulentawh u jhedduh. Qal li ma sab ghajnuna ta' xejn. Dak in-nhar kien ir-rih ukoll. Qal li mexa u kemm mess id-dinghy meta gie b'lura u mhux ghax ried. Laqtu darbtejn u qallu li jekk kien hemm xi hsara kien lest li jhallsu ghax kien tort tieghu. Qal li hu habat mal-lasku. Zgur pero' li ma kellux intenzjoni li jikkaguna l-hsara. L-incident sehh minhabba lli ma kienx hemm spazju u minhabba l-fatturi ambjentali. Qal li hareg minn fejn kien mat-tielet darba. Qallu li kellu insurance tad-dghajsa u *accident* ifisser *accident.* Wara telaq lejn Kemmuna.

Meta rritorna sab lis-surgent Jason Xerri u dan qallu li kien taht arrest. In kontro-ezami jghid li anke kien talab lil Delia biex icaqlaq id-dinghy izda dan beda joffendih b'missieru li huwa mejjet. Dan qal lil Delia li jekk kien ser ikompli joffendih b'missieru, huwa 'pufta' . Ikkonferma li meta Franklyn rah hiereg b'lura, dan telaq 'l hemm u allura ma laqtux izda laqat lil Adrian Borg darbtejn. Qal li hareg mat-tieni darba u mhux mat-tielet. Id-dghajsa m 'ghandheix brejkijiet titlaq mar-rih. Cahad li mar ghand Adrian biex jaghmillu dikjarazzjoni li l-incident sehh bhala *accident* u Adrian cahad li jaghmel dan. Jghid li huwa qatt ma kellem lil Adrian. Qal li tal-Insurance riedu jaraw b'ghajnejhom, jigi s-surveyor biex jaghmel stima tal-hsara li kien hemm. Qal li xorta hallas lill-kwarelant minn butu. Ikkonferma li r-rapport dwar l-incident ma' Transport Malta ghamlu l-ghada. Qal li kien qal lil Anthony Caruana x'kien gara bil-fomm. Rapport bil-miktub ,m'ghamilx . Qallu wkoll li kieku kien mar jghinu meta cempillu, ma kienx jinqala' dan l-incident.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Larry Formosa** moghtija nhar id-29 ta' Frar, 2024 qal li kien assista lill-imputat fil-mument tal-arrest. Qal li l-imputat kien qallu li kien laqghat lil tad-dinghy bi zball; incidentalment. Qal ukoll li kien informa lill-Ispettur Josef Gauci li l-imputat kien lest li ihallas is-somma mitluba minn Adrian Borg u li kien ser jiftah *claim* ma' tal-insurance izda sakemm kien involut hu *claim* ma infethitx. Qal pero' li l-Ispettur ma kienx wiegbu. L-emails li kien baghat jinsabu esebiti fl-atti. Ikkonfemra li sa fejn jaf hu l-habta kient wahda involontarja. Jghid li ma kienx jaf bl-akkuzi li kienu ser jinhargu fil-konfront tal-imputat.

Rat ix-xhieda ta' **Anthony Caruana** moghtija nhar id-29 ta' Frar, 2024 fejn ikkonferma li jahdem ma' Tranpsort Malta, l-Imgarr, Ghawdex. Jghid li jiftakar li nhar l-1 ta' Gunju 2021 kien cempillu Joseph Buttigieg u qallu li ma setax johrog bit-turisti minhabba li kien hemm dghajsa li ma setax johrog biha. Qallu pero' li ma setax jghinu ghaliex kien ordnat joqghod fuq l-art ma' tal-Fast Fery u kellu jfittex xi hadd iehor minn taghhom li kien kien mal-art. Jghid li Buttigieg cempillu darba. Ma jafx x'kien gara ghax ma kienx hemm. Qal li kien cempillu fuq il-mobile tieghu bin-numru 99425554.

In kontro ezami jghid li fix-xoghol taghhom ikollu kuntatt ma' Buttigieg ta' sikwit. Propjament jitkellmu fuq il-VHF ghax hu kien jikkontrolla l-port; min hu diehel u min hu hiereg. Jiftakar dan il-kaz ghaliex kienet l-ewwel darba meta giet il-fast ferry. Mistoqsi x' hin kien cempillu Buttigieg jghid li ma jiftakarx izda kien wara nofsinhar. Qal li bil-miktub minghand Buttigieg ma ircevew xejn la dakinhar u lanqas wara. Ikkonferma li dawn id-dghajjes li johorgu bit-turisti kollha ghandhom il-hin taghhom li huma fissi. U dan sabiex ma jahbtux ma' xulxin. Hemmhekk quddiem it-Terminal jistghu jidhlu huma biss ghax huwa *loading* u *unloading biss.*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant mhux qed jikkontesta li laqat lill-kwerelant bid-dghajsa tieghu waqt li kien miexi b'lura hiereg mill-port u dan f'zewg okkazjonijiet . Jghid pero' li dan sehh involontarjament minhabba fatturi ambjentali. Min-naha l-ohra, il-kwerelant jghid li l-hsara kkagunata saret b'mod volontarju u dan ghaliex l-appellant kien irrabjat ghaliex ma caqlaqx id-dinghy minn fejn kien u filfatt jghid li kien saq 'il quddiem u lura f'xi tlett okkazjonijiet ghaliex kien irrabjat. Illi mill-provi prodotti ma hemm xejn hazin bil-mod kif irragunat l-ewwel Qorti li semghet il-provi huma li l-appellant saq id-dghajsa ghal fuq l-kwerelant u kkaguna hsara volontarja. Dan ghaliex jidher li ix-xhieda moghtija mill-kwerelant ghandha iktar mis-sewwa u hija korroborata minn xhieda ohra. Dwar il-*quantum* tal-hsara, l-appellant jghid li dan ma giex ippruvat pero' minn ezami tax-xhieda ta' Mario Muscat dan jghid li thallas is-somma ta' elf u hamsin euro ( e1,050) sabiex sewwa l-hsara li kien hemm fuq id-dinghy u dan skont l-istima ezebita fl-atti a fo. 20 immarkata bhala dok JS2. Filfatt jghid li kien irranga il-cover bil-fibreglass u li kienu biddel il-cover tal-magna; dak wahdu kien jigi mal-elf u hames mitt euro ( €1,500). Ghalhekk jirrizulta ben tajjeb il-prova dwar il-hsarat sofferti minn Adrian Borg. Issa in effetti jirrizulta li dan thallas is-somma ta' elf u hames mitt euro fil-mori tal-kawza minghand l-imputat stess u dan minghajr pregudizzju. Jirrizulta b'mod car u univoku li l-imputat, ghalkemm huwa obbbligat li jaghmel rapport bil-miktub ma' Tranpsort Malta meta jkollu incident, dan naqas li jaghmlu.

Illi in vista ta' dan, din il-Qorti qed issib lill-appellant hati tal-istess erba' akkuzi *inter alia* l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza b'dan pero' fir-rigward tal-hames akkuza li huwa naqas li jipprezenta rapport bil-miktub lil Awtorita'  fi zmien erbgha u ghoxrin siegha minn meta sehh l-akkadut.

Il-Qorti rat li l-appellant appella wkoll mill-piena imposta ghar-reati li taghhom instab hati. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Issa huwa ormai pacifiku li f'każ ta' appell minn piena:

> *'...il-prinċipju regolatur  huwa li din ilQorti (f'dan il-Każ Qorti tal-Appell Superjuri)mhux normali li tiddisturba ddiskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din m atkunx toħroġ barra mil limiti stipulati fil liġi uma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun filfatt ingħatat.'* (**Repubblika versus Owen  Bonnici** tad-19 ta'Mejju 2011).

Hawn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) irreferiet għal sentenzi oħrajn: '**Il-Pulizija versus Carmelo Ebejer** tal-4 ta' Novembru, 2009; **Il-Pulizija versus Nikola Farrugia** tat-2 t'Ottubru 2002; **Il-Pulizija versus Maurizio Massimiliano** 13 ta' Novembru 2003; **Repubblika versus David Vella** 14 ta' Ġunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta versus Eleno sive Lino Bezzina** tal-24 t'April, 2003.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi ppruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-ezaminazzjoni ta' dik il-piena. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena

trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler**[6] tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-ewwel Qorti.

F'dan il-kaz il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti jirrizulta li l-appellant gja instab hati ta' diversi reati kontra ufficcjali pubblici, ksur ta' storbju u ghajjat fil-port tal-Imgarr f' divesi okkazjonijiet, nuqqas ta obidjenza lejn l-ordnijiet ta' ufficcjali pubblici. Dan l-agir tieghu mhux accettabli u minkejja l-pieni moghtija ta' kundanni ta' multi u ammendi, l-appellant ma tghallimx ghaliex rega' qieghed quddiem din il-Qorti u ghalhekk jehtieg li din id-darba l-Qorti turi l-id kiefra taghha sabiex b'hekk l-appellant jaraf il-konsegwenzi ta' ghemilu u jzomm il-kalma specjalment meta ikollu l-kontrol ta' dghajsa b'turisti abbord . Ghalhekk din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha timmodifika il-piena inflitta.

**Ghalhekk din il-Qorti, wara li tiddikjara li qeghda tichad l-appell tal-appellant, qieghda tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha, kemm fir-rigward ta' mertu u anke fir- rigward tal- piena inflitta. Qieghda wkoll tikkonferma l-ordni tal-ewwel Qorti sabiex l-appellant ihallas il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta s-somma ta' €271.82 li gew imhallsa lil Jonathon Mizzi u s-somma ta' €88.62 li gew imhallsa lilu wkoll ai fini tat-tieni rapport tieghu. B'kollox ghalhekk ghandu jhallas is-somma ta €360.44.**

**F' kaz li dawn il-hlasijiet ma jsirux fi zmien xahrejn millum l-ammont jew dak il-bilanc, jigi konvertit f'terminu ta' pringunerija skont il-Ligi.**

**Tordna ghalhekk li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ta' Ghawdex sabiex tiehu hsieb tigbor dawn il-hlasijiet.**

[6] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 deciza mill Qorti tal Appellli Kriminali (sede Superjuri)

Qeghda wkoll tikkonferma l-Ordni moghtija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn rabtet lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' elf euro (€1,000) biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza Adrian Borg u qed tordna lill-istess hati sabiex izomm il-kwiet u buon ordni ma' Adrian Borg ghall-perjodu ta' sena millum.

Il-Qorti ma hiex qed tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-appellant jaghmel kumpens ragonevoli lill-kwerelant stante li jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri l-appellant gja ghamel tajjeb ghall-hsara kkagunata minnu, ghalkemm zmien konsiderevoli wara l-akkadut.

Il-Qorti spjegat a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li jekk jikkommetti reat matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza u cioe' sena, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija u jekk jinsab hati tieghu, din is-sentenza tigi reza in vigore .

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imhallef

Jake Mejlak

Deputat Registratur